**NAXXAR**

# MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ

SEDUTA NRU. 12 – IT-TLIETA, 20 TA' OTTUBRU 2015

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-5:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maryanne Cuomo | *Chairperson* |
| | Maria Vella | Viċi *Chairperson* |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Alfreda Abela | Membru |
| | Joe Bonello | Membru |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Roderick Debono | Skrivan |

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI

1.1. Il-minuti tal-laqgħa numru 11 kienu meqjusa moqrija.

1.2. Wara kunsiderazzjoni l-minuti kienu approvati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv (SE).

## 2. KOMUNIKAZZJONI MIĊ-CHAIRPERSON

2.1. Is-Sinj. Cuomo semmiet il-laqgħa li flimkien mas-Sinj. Muscat u s-SE kellhom mal-Ministru Mizzi dwar il-proġett ta' Triq il-Kosta. Lill-Ministru tresqitlu t-talba biex id-daħla ta' Baħar iċ-Ċagħaq tkun irranġata bħala parti mix-xogħol ta' Triq il-Kosta. Dan wara li l-perit Kylie Borg Marks, responsabbli mill-proġett, ma laqgħetx it-talba li kienet saret mill-Kumitat.

2.2. Min-naħa tiegħu, l-Ministru Mizzi qabel li għandu jkun irranġat u ta ordni biex isir hekk. Madanakollu, talba biex il-ġebel tal-ħitan tas-sejjieħ jitwaħħal ma kinitx milqugħa minħabba restrizzjonijiet mill-MEPA.

2.3. Iċ-*Chairperson* esprimiet li l-bankini b'mod ġenerali għandhom bżonn manutenzjoni u b'mod partikulari ta' Xatt il-Palm.

2.4. Iċ-*Chairperson* semmiet il-bollards ta' Triq Anton Manwel Caruana kantuniera ma' Triq l-Imsaqqfin. Dan għaliex għandhom bżonn jinżebaw kif ukoll jiddrittaw ruħhom.

2.5. Is-Sinj. Cuomo qalet li l-*phone boot* tista' titneħħa. Dan għaliex m'għadx hemm użu għaliha barra li qiegħda tkun ivvandalizzatha.

2.6. Is-Sinj. Cuomo semmiet xi postijiet mitluqa li hemm f'Baħar iċ-Ċagħaq. Wieħed minnhom jinsab fi Triq ir-Ridott u l-ieħor fi Triq Anton Manwel Caruana, bl-isem: "The Oasis".

2.7. Peress li fiż-żewġ każijiet il-Kunsill ma jistax jibgħat lill-kuntrattur sabiex inaddaf, il-għaliex huma proprjetajiet privati; l-Kunsill se jieħu ħsieb jikteb lid-Direttur tal-Indafa Pubblika biex jieħu azzjoni (inizjattiva Garby).

2.8. Iċ-*Chairperson* talbet lill-Kunsill sabiex ineħħi l-ħadid li hemm fil-ġnien li jmiss ma' Xatt il-Palm. Dawk li fiż-żmien kienu jintużaw bħala bandli.

## 3. ATTIVITÀ GĦALL-AMBJENT AĦJAR

3.1. Iċ-*Chairperson* ipproponiet li ssir attività fuq firxa ta' nofs ta' nhar mhux fuq firxa ta' ġurnata. L-attività ssir wara li jitlesta x-xogħol fi Triq il-Kosta.

3.2. Bħala postijiet li jistgħu jospitaw din l-attività semmiet Ġnien Santa Marija tal-Anġli u maġenb il-gabbana tal-ġelati.

3.3. Is-Sinj. Cuomo qalet li tkun idea tajba jekk isiru għad ta' stands tul din l-attività. Bħala organizzazzjonijiet issemmew: Green Pak, WasteServ, Għalfejn Tħammeġ Pajjiżek u organizzazzjoni oħra li tirriċikla l-ħwejjeġ.

## 4. ATTIVITÀ FIŻIKA

4.1. Is-Sinj. Vella infurmat lill-Kumitat li hija tkellmet ma' Sarah Micallef Smith, l-għalliema li s-sena l-għaddiet ħadet ħsieb il-klassijiet Zumba li saru f'Baħar iċ-Ċagħaq.

4.2. It-tir tagħha kien sabiex terġa torganizza dawn il-klassijiet f'Baħar iċ-Ċagħaq. Madankollu ma kienx hemm qbil fuq id-dati u għaldaqstant il-ftehim ma ġiex finalizzat.

4.3. F'dan id-dawl se titkellem mas-Sur Robert Galea biex tipprova tikkoordina xi klassijiet ta' attività fiżika miegħu.

4.4. Il-membri esprimew il-ħsieb li għandhom jitkellmu mas-Sur Galea u jgħidulu sabiex ibiddel daqsxejn l-eżerċizzji. Wisq iżjed peress li jispekolaw li ħafna mill-parteċipanti se jkunu l-istess bħas-snin imgħoddija u għalhekk ikunu jridu jvarjaw l-eżerċizzji.

4.5. Il-Kunsill ġie nfurmat li għandu bżonn jiġbed l-attenzjoni tal-kollettur tal-borża tal-iskart riċiklat għaliex allegatament xi drabi mhix tinġabar minn Triq id-Dwieli (il-parti li tmiss ma' Triq Qalet Marku).

4.6. Is-Sinj. Vella ġiet skużatha u ħalliet il-laqgħa. Il-ħin hu s-6.45pm.

## 5. ATTIVITÀ TAL-MILIED

5.1. Iċ-*Chairperson* infurmat lill-membri li akkwistat kwotazzjoni ta' circa €300 għal-pakkett sħiħ li jikkonsisti minn animazzjoni, Santa Klaws u *magician*.

## 6. ĦWEJJEĠ OĦRA

6.1. Is-Sinj. Cuomo semmiet l-ittre li rċivejna mingħand l-inġinier Margaret Zammit dwar in-nuqqasijiet ta' Ġnien Santa Marija tal-Anġli. Fl-ittre ssemmew bosta fatturi u ħsarat.

6.2. Il-funtana: bħalissa tinsab mitfija sakemm titranġa waħda mill-pompi li għandha l-ħsara u tiġi solvuta l-problema tal-ilma ħiereġ minn bejn il-madum.

6.3. Id-dawl: instab li qiegħed jaħdem, madankollu l-*electricians* għandhom jeżaminaw fid-dettall din is-sistema sabiex kemm jista' jkun ma joqgħodx jinqata' fuq bażi regolari.

6.4. L-inġinier infurmat li qegħdin jilqgħu kwotazzjonijiet għall-xiri ta' geyser.

6.5. Kura u manutenzjoni tal-pjanti u l-ġnien, jinsabu fl-aħħar fażi sabiex jinbeda kuntratt ġdid.

6.6. Manutenzjoni u ż-żamma tal-apparat ta' attività fiżika.

6.7. Fir-rigward tas-cctv cameras, l-inġinier infurmat li l-kuntrattur għandu jeżaminahom sabiex jipprova jistabbilixxi l-ħsara li għandhom.

6.8. Fuq nota differenti s-Sinj. Abela staqsiet f'hiex kienet waslet Trejqet il-Kampanjol. Is-SE qal li se jżomm lill-kuntrattur responsabbli minħabba dan id-dewmien kollu.

6.9. Min-naħa tiegħu l-Kunsill qiegħed jistenna b'ħerqa li t-triq issir.

6.10. Is-Sur Bonello staqsa f'hiex waslu t-tabelli tat-tismija tat-toroq. Is-SE nfurmah li l-Kunsill akkwista 2 kwotazzjonijiet dwar dan. Ifisser li x-xogħol miexi sewwa.

6.11. Is-Sur Bonello semma li maġenb il-BIS fi Triq Anton Manwel Caruana, hemm tv biex jinġabar mis-servizz tal-ġbir ta' skart goff.

6.12. Is-Sinj. Cuomo semmiet bozza li qiegħda ddur. Spjegat li din tinsab fi Triq Anton Manwel Caruana, faċċata ta' Triq l-Iżbark tal-Franċiżi.

6.13. Is-SE ppreżenta lill-Kumitat lista ta' talbiet għall-bozoz ġodda fiż-żona ta' Baħar iċ-Ċagħaq. Il-Kumitat approva tlieta. Dawn huma: waħda fi Triq Anton Manwel Caruana fil-bidu tagħha minn Triq ir-Ridott; oħra fi Triq id-Dwieli u oħra fi Triq Edward Pirotta.

## 7. DATA GĦAL-LAQGĦA LI JMISS

7.1. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa li jmiss issir nhar It-Tlieta 24 ta' Novembru, 2015 għal-5:30pm.

7.2. Il-laqgħa ntemmet fis-7:30pm.

| | |
|---|---|
| Mary Anne Cuomo | Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |